MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 496/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Zammit Christopher**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2006 fejn talab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija sitta u hamsin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm156.29) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku li kien igib in-numru 2133 8001.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqga' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Ra d-dokumenti esebiti mal-avviz cioe Dok A u Dok B.

Semgha lil PL Noel Scerri li bil-gurament tieghi kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Christopher Zammit ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' mija sitta u hamsin lira u disgha u ghoxrin centezmu (Lm156.29) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------